**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 644/2023 GM**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 816/2023**

**vs**

**Maja FILIPOVIC (Passaport Serbjan Numru 017099003) debitament rappreżentata mill-mandatarja speċjali tagħha Avv. Sarah Sultana (K.I. 0012581M)**

**vs**

**Mr Green Limited (CD 43260)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors b'urġenza ta' Mr Green Limited tat-23 ta' Ġunju 2023.

Rat ir-risposta ta' Maja Filipovic tal-20 t'Ottubru 2023.

Tipprovdi dwar it-talbiet billi tordna li:

(1) Sakemm ikun hemm eżitu finali bejn il-partijiet tal-proċeduri ta' rifjut imressqin skont it-termini tar-Regolament (635/2023GM), tissospendi l-esekuzzjoni tas-sentenza tar-Regional Court for Civil Matters ta' Vienna, l-Awstrija tat-23 ta' Frar 2022 li hemm favur Filipovic fis-sens li ma tkunx tista' tiżbanka kwalsiasi flus li hemm iddepożitati jew li jistgħu jiġu depożitati fir-reġistru tal-Qorti b'effett tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 816/2023 minnha ppreżentat.

(2) Lanqas Mr Green Limited ma tkun tista' tiżbanka l-istess flus.

(3) L-ispejjeż ta' din il-proċedura tbatihom Mr Green Limited.

Mogħti kameralment illum 7 ta' Novembru 2023.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA